MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 31/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Louise Vella)**

**Vs**
William Mercieca
Jason Caruana
Glenn Busuttil

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Dicembru 1999 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoin wahda:**

**1) biex jissodisfaw z-zina ta' haddiehor, gieghlu bil-vjolenza jew hajjru b'qerq, lil Josephine Farrugia ghall-prostituzzjoni,;**
**2) xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' Josephine Farrugia;**
**3) fl-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Josephine Farrugia kontra l-volonta' taghha;**
**4) fil-Belt Valletta, nhar l-4 ta' Dicembru 1999, f'xi hin wara nofsinhar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Josephine Farrugia skond ma ccertifika Dr D.J.Farrugia M.D. Reg 2552 tal-Poliklinika tal-Furjana, u Dr R.Chircop tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artiklu 221(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Lil William Mercieca u Jason Caruana wahedhom akkuzati talli rrendew ruhhom recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 86, 205, 221 tal-Kap. 9, l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 63, sabet lill-imputat William Mercieca hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza, w filwaqt li ddikjarat l-procediment rigward ir-raba' akkuza bhala ezawrit, ikkundannatu ghal tmintax-il xahar prigunerija.
In oltre, sabet lill-imputat Jason Caruana hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' w l-hames akkuza w kkundannatu ghal sena prigunerija, waqt illi lliberatu mit-tieni akkuza stante li ma rrizultatx mill-provi.
Di piu' sabet lill-imputat Glenn Busuttil hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' akkuza w illiberatu mit-tieni akkuza, stante li ma rrizultatx mill-provi, w ikkundannatu ghal ghaxar xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Frar, 2006, li bih talab li din il-Qorti

joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija tal-appellati fejn dawn instabu hatja, tikkonferma fejn gew liberati izda minflok il-piena karcerarja mposta fuq l-appellati, timponi piena aktar severa konfacenti mac-cirkostanzi tal-kaz skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravvju tal-appellant Avukat Generali huwa limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w jikkonsisti fis-segwenti, w cioe’ li l-Ewwel Qorti imponiet piena miti hafna partikolarment meta wiehed jikkonsidra li hawn kien hemm sitwazzjoni fejn Josephine Farrugia giet terrorizzata u sedizzjta (Sic!) mill-appellati Illi fil-kaz ta’ William Mercieca u Jason Caruana dawn kellhom ir-recidiva wkoll. Illi l-piena fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kellha tkun vicin il-massimu.**

**Semghet it-trattazzjoni w s-sottomissjoni tal-abbli avukat tal-prosekuzzjoni, Dottor Stephen Tonna Lowell kif ukoll tal-abbli difensuri Dr. Malcolm Mifsud, Dottor Charmaine Cherrett u Dr. Ludvig Caruana ghat-tlitt appellati rispettivi, li gew nominati mill-Qorti “*seduta stante”* biex jippatrocinaw lill-appellati, li kienu sprovvisti minn difensur.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell limitat ghall-piena. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella” **[14.6.1999] ,** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” **[24.4.2003] ;** “Il-Pulizija vs. Keith Rizzo” **[4.9.2003] u bosta sentenzi ohrajn.) Din il-Qorti tara li l-istess**

**principju regolatur ghandu japplika *"a contrario sensu*" meta l-appellant ikun l-Avukat Generali w jkun qed jitlob zieda fil-piena.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-ewwel haga li wiehed irid jara hi jekk il-piena erogata fil-kaz tat-tlitt appellati rispettivi taqax taht il-minimu preskritt mill-ligi. L-abbli prosekutur Dottor Tonna Lowell issottometta li hlief ghat-tielet reat ta' sekwestru tal-persuna mhux aggravat taht l-artikolu 86, li jippresrkrivi piena minima ta' seba xhur prigunerija , l-ewwel u t-tieni reati li jaqghu rispettivament taht l-artikolu 205 tal-Kap.9 u taht l-artikolu 7(1) tal-Kap.63 tal-ligijiet ta' Malta, ma jgibux minimu tal-piena imma biss massimu ta' sentejn prigunerija, u, fil-kaz tal-ewwel imputazzjoni biss, bir-rekluzzjoni jew minghajrha. Ghalhekk is-sentenza, ghalkemm vicin hafna tal-minimu, ma kienetx barra mill-parametri legali. Issottometta ukoll li jekk pero' tittiehed akkont tar-recidiva li giet addebitata lill-appellati Mercieca w Caruana, u jekk il-Qorti, kellha tezercita d-diskrezzjoni taghha billi zzid il-piena bi grad skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, allura il-piena erogata tkun inqas minn dik minima stabilita bil-ligi.**

**Din l-ahhar sottomissjoni pero' ma tidhirx li hi korretta kif ser jinghid.**

**Di fatti, fil-kaz tal-appellat Mercieca li nstab hati tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-recidiva, bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni bejn it-tlitt imputazzjonijiet, fejn il-piena minima ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni kienet teoretikament ta' jum prigunerija w fejn dik ghat-tielet imputazzjoni kienet ta' seba' xhur prigunerija, anki biz-zieda fakoltattiva ta' grad fil-piena ghall-addebitu tar-recidiva, l-minimu li seta' jigi kundannat ghalih kien ta' disa' xhur u jum habs. Fil-fatt gie kundannat ghall-piena li tigi d-doppju tal-minimu preskritt mill-ligi anki biz-zieda ta' grad ghar-recidiva.**

**Fil-kaz tal-appellat Jason Caruana, li nstab hati tal-ewwel akkuza li ma ghandhiex minimu ta’ prigunerija stabilit, tat-tielet akkuza li ggib minimu ta’ seba’ xhur prigunerija w tar-raba’ akkuza, li skond l-artikolu 221 (2) ggib minimu ta’ xaharejn prigunerija, l-piena minima bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) kienet tkun wahda ta’ seba’ xhur u ghoxrin jum prigunerija (1/3 ta’ sittin jum , jew xaharejn) u jekk din titla’ bi grad minnhabba r-recidiva, jigi li l-minimu jkun ta’ prigunerija ta ghaxar xhur u ghoxrin jum. Fil-fatt gie kundannat ghal sena prigunerija.**

**Fil-kaz tal-appellat Busuttil li nstab hati tal-ewwel imputazzjoni, fejn il-minimum hu ta’ jum habs teoretikament, tat-tielet fejn hemm piena minima ta’ seba xhur prigunerija w tar-raba fejn hemm piena minima ta’ xaharejn prigunerija , bir-regoli tal-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17 (b) , il-piena minima kienet ta’ seba’ xhur u wiehed u ghoxrin jum prigunerija. Hu effettivament gie kundannat ghal ghaxar xhur prigunerija.**

**Ghalhekk fil-kazijiet tat-tlitt appellati kollha, l-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi w ma hix inqas mill-minimu preskritt.**

**Illi mill-ezami tal-atti processwali lanqas jirrizulta li l-ufficjal prosekutur quddiem l-Ewwel Qorti talbet li dik il-Qorti tapplika xi piena specifika jew, ghal-inqas, indikat xi parametri li fihom l-Ewwel Qorti setghet tapplika l-piena mistennija mill-Prosekuzzjoni. Di fatti fit-trattazzjoni tal-Ispettur Calleja – (li tinsab traskritta a (fols.158 sa 160) lanqas biss lissnet kelma wahda dwar il-piena. Jidher li hi halliet kollox f’idejn il-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena xierqa. Illi kif ripetutament irritteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Kolleggjali) hija gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna li, meta jkun hemm ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuz appell mill-piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi w dan ghax min jammetti jkun qed jassumi r-responsabbilta’**

**ghad-decizjoni li jkun ha w jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar il-piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha (ara “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mohamed Mohamed Abusetta” **[4.12.2003] u ohrajn). Bl-istess mod hu odjuz li, meta l-Prosekuzzjoni ma taghmel ebda rikjesta specjali dwar il-piena erogabbli w thalli b’ mod assolut f’idejn il-Qorti, meta mbaghad il-Qorti tiddeciedi, tintavola appell quddiem din il-Qorti, ghax thoss li mhux sodisfatta bil-piena erogata.**

**Illi din il-Qorti tal-Appell jista’ jkollha l-fehmiet personali w soggettivi taghha dwar jekk piena tkunx wahda leggera zzejjed jew le, f’ kazijiet partikolari, imma thoss li dment li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tkun legalment korretta, u cioe’ tidhol fil-parametri tal-ligi, din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, li tkun ghexet il-kaz, qieset il-komportament tal-hati tul il-process kollu quddiemha w kienet f’ pozizzjoni *“to fit the punishment to the crime”* ferm ahjar minn din il-Qorti, li trid tiddeciedi fuq l-inkartament biss.**

**Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------